# 43. Il-Qasma tax-Xogħol

Ommna n-Natura daħlet ġo bosk aħdar,
u sabet ħafna siġar kbar għoljin
li jagħmlu biss il-ħdura mingħajr frotta;
"Isa," qaltilhom, "tkunux għażżenin!"

Bagħtet lill-awrikarja taqta' t-travi,
lill-fagu u l-arżnu jagħmel il-għamara,
u lill-balluta tibni l-bastimenti,
lill-qastan is-selvaġġ jonqox xi vara;
lill-qasab u lill-virgi jaħdmu l-qfief,
lir-rand jagħmel kurunu f'ras l-għorrief;
lis-siġar taċ-ċipress twal u għoljin
poġġiethom dritti għassa mal-mejtin;
lil dawk imbagħad li kienu msewsa u kbar
bagħtithom biex jinħarqu ġewwa n-nar.